



Brussell, 23 ta' Ġunju 2023
(OR. en)

10278/2/23
REV 2

LIMITE

AG 46
PE 60
INST 197
FREMP 177

**Fajl Interistituzzjonali:
2022/0902(APP)**

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2) / Kunsill
Nru. dok. preċ.: Suġġett:	9603/23, 7582/23 Tħejjija tal-laqgħa tal-Kunsill (Affarijiet Ġenerali) tas-27 ta' Ġunju 2023 Proposta għal REGOLAMENTO TAL-KUNSILL dwar l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'vot universali dirett, li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 76/787/KEFA, KEE, Euratom u l-Att li jikkonċerna l-elezzjoni tal-membri tal-Parlament Ewropew b'vot dirett universali anness ma' dik id-Deċiżjoni ("Liġi Elettorali tal-UE") - Sitwazzjoni Attwali

1. F'Mejju 2022, il-Parlament Ewropew ppreżenta proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'vot universali dirett, li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill (76/787/KEFA, KEE, Euratom) u l-Att li jikkonċerna l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'vot dirett universali anness ma' dik id-Deċiżjoni.
2. Il-Kunsill iddiskuta l-proposta f'diversi laqgħat, kemm fil-livell tekniku kif ukoll f'dak politiku. Wara skambju ta' fehmiet fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-Affarijiet Ġenerali fit-3 ta' Marzu 2023, il-Presidenza nediet sħarriġ (7582/23) fit-30 ta' Marzu 2023¹ bil-ħsieb li tipprovdi aktar ċarezza u livell aktar granulari ta' analiżi tal-pożizzjonijiet tad-delegazzjonijiet dwar il-proposta.

¹ 7582/23

3. Fuq talba tal-Presidenza, is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ħejja sommarju kif jinsab fl-Anness għal din in-nota, ibbażat fuq it-tweġibiet ta' 24 Stat Membru li waslu sat-8 ta' Ġunju 2023.
4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti mistieden jieħu nota tar-rapport u jippreżentah lill-Kunsill Affarijiet Ġenerali bil-ksieb tal-iskambju ta' fehmiet dwar il-Liġi Elettorali Ewropea fil-laqgħa tiegħu tas-27 ta' Ġunju.

Sommarju tal-istħarriġ dwar il-Liġi Elettorali

I. INTRODUZZJONI

1. **Kontenut:** Ir-Rapport ta' Sinteżi (Parti II) jipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-kummenti tal-Istati Membri li jikkategorizzaw id-dispożizzjonijiet tal-abbozz ta' Regolament fi tliet gruppi:
 - dispożizzjonijiet li jiffaċċjaw oppożizzjoni wiesgħa u/jew soda²;
 - dispożizzjonijiet li jqajmu mistoqsijiet u li jeħtieġu aktar diskussjonijiet fil-fond³; kif ukoll
 - dispożizzjonijiet li jiżguraw l-aktar appoġġ⁴.
2. **Metodoloġija:** Ir-rapport ta' sinteżi għandu l-għan li jipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-kummenti u l-pożizzjonijiet tal-Istati Membri dwar kull wieħed mill-Artikoli tal-proposta tal-PE. Il-livell ta' rispons u ġustifikazzjoni tal-Istati Membri varja ħafna: minn sempliċiment immarkar ta' kaxxi għal għoti ta' kummenti jew proposta ta' formulazzjoni alternattiva. Mingħajr ma jimmira li jkun eżawrjenti, ir-rapport ta' sinteżi għandu l-għan li jittraskrivi l-orjentazzjonijiet ġenerali, l-aktar kummenti komuni, kif ukoll li juri d-diversità tal-fehmiet espressi permezz tal-wiri ta' eżempji.

II. RAPPORT TA' SINTEŻI

A. Kummenti ġenerali dwar il-proposta

3. **Obiettivi:** Irrispettivament mill-pożizzjonijiet tagħhom dwar dispożizzjonijiet individwali, xi Stati Membri jistgħu jaċċettaw li jaġġustaw ċerti elementi tal-Att Elettorali biex jagħmlu r-regoli adatti għall-futur. Filwaqt li xi wħud raw il-benefiċċji li nitbiegħdu mis-27 mudell

² Għadd kbir ta' Stati Membri li mmarkaw il-kaxxa "mhux aċċettabbli" u/jew esprimew fehmiet qawwija kontra.

³ Għadd kbir ta' Stati Membri li mmarkaw il-kaxxa "għad iridu jiġu diskussi", b'xi Stati Membri li mmarkaw il-kaxxa "mhux aċċettabbli" u/jew esprimew fehmiet qawwija kontra.

⁴ Għadd kbir ta' Stati Membri li mmarkaw il-kaxxa "aċċettabbli", b'xi Stati Membri għadhom jindikaw diversi diffikultajiet li għandhom jiġu diskussi u/jew għadd iżgħar jesprimu pożizzjonijiet kontra.

differenti attwali ta' elezzjonijiet għal elezzjoni Ewropea waħda, għadd kbir ta' Stati Membri indikaw in-nuqqas ta' dikjarazzjonijiet dettaljati dwar il-konformità mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità u l-impatt finanzjarju tal-proposta. Dawn id-delegazzjonijiet ippreferew li r-regolamentazzjoni tal-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew tkompli tiġi ttrattata fil-livell nazzjonali.

4. **Forma tal-Att:** Il-leġislazzjoni tal-proċeduri elettorali permezz ta' regolament fit kelliha appoġġ. Għadd kbir ta' Stati Membri esprimew dubji, u xi wħud saħansitra jopponu bil-qawwa il-bdil tal-forma attwali tal-Att Elettorali, billi jargumentaw li regolament li jistabbilixxi proċedura elettorali uniformi jqajjem tħassib legali u jwassal għal inkonsistenzi bejn ir-regoli dwar l-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew u dawk dwar l-elezzjonijiet nazzjonali.

B. Dispożizzjonijiet li jiffaċċjaw oppożizzjoni wiesgħa u/jew soda

5. Il-maġġoranza tal-Istati Membri opponew il-proċess tal-**kandidat prinċipali** (premissa 8) għar-raġuni li dan kien f'kunflitt mal-bilanċ istituzzjonali stabbilit fit-Trattat, idgħajjef ir-rwol imparzjali tal-Kummissjoni u jkun jiffavorixxi kandidati mill-Istati Membri l-kbar.
6. Għadd kbir ta' Stati Membri indikaw li ma setgħux jappoġġaw listi tranżnazzjonali minħabba kwistjonijiet legali u istituzzjonali serji, nuqqas ta' responsabbiltà u rappreżentanza taċ-ċittadini, u leġittimità tal-membri tal-Parlament Ewropew eletti minn listi tranżnazzjonali. Huma indikaw ukoll li l-istruttura u l-organizzazzjoni tal-partiti politiċi Ewropej mhumieq adatti għal dak l-għan. Għalhekk, diversi Stati Membri opponew kwalunkwe referenza fit-test kollu għall-kostitwenza madwar l-UE kollha (imsejħa referenza kontroversjali). Ftit Stati Membri ġeneralment appoġġaw il-**listi tranżnazzjonali** stabbiliti fl-Artikolu 15, b'xi riżervi, b'mod partikolari dwar id-dettalji operazzjonali. Stat Membru wieħed ippreżenta proposta alternattiva għad-definizzjoni u l-operazzjonalizzazzjoni tal-listi tranżnazzjonali. Grupp ieħor ta' Stati Membri esprima dubji, iżda dawn kienu miftuħa għal aktar diskussjonijiet.
7. L-Istat Membru li jissuġġerixxi sistema ġdida għal-listi tranżnazzjonali ppropona wkoll Artikolu 28 rivedut li joħloq **Awtorità Elettorali Ewropea**. Madankollu, il-ħolqien tagħha, marbut mal-kostitwenza madwar l-UE kollha, iqajjem dubji għal għadd kbir ta' Stati Membri li ma jarawx il-valur miżjud ta' din l-awtorità u li jqisu li l-finanzjament tagħha mhuwiex ċar.

Dawn l-Istati Membri b'mod ġenerali opponew kwalunkwe referenza għaliha fit-test kollu (imsejħa referenza kontroversjali hawn taħt).

8. Minkejja l-proposta li tipprevedi l-possibbiltà li tiġi stabbilita età tal-vot oġġla, hemm oppożizzjoni soda u wiesgħa biex tiġi stabbilita l-età tal-vot ta' **16-il sena** (l-Artikolu 4). L-argumenti kontra mressqa mill-Istati Membri jinkludu: Parlament nazzjonali reċentement irrifjuta l-proposta; l-età tal-vot jeħtieġ li tkun konsistenti ma' dik tal-elezzjonijiet nazzjonali; ma hemm l-ebda ġustifikazzjoni biex wieħed jitbiegħed minn sistema nazzjonali u nuqqas ta' appoġġ pubbliku f'xi Stati Membri għal tnaqqis bħal dan. Diversi Stati Membri kellhom ukoll mistoqsijiet u tħassib dwar l-espressjoni "**irrispettivament mill-kapaċità ġuridika tagħhom**", u t-terminu "**persuni b'diżabbiltà**". Id-drutt li toħroġ bħala kandidat mill-età ta' **18-il sena** ukoll jiffaċċa oppożizzjoni (l-Artikolu 5).
9. Minkejja xi appoġġ, l-**obbligu li jiġi introdott il-vot bil-posta** (l-Artikolu 8(1)) wassal għal oppożizzjoni kbira għal raġunijiet ta' fattibbiltà, tħassib dwar is-sigurtà, inċertezza dwar il-kamp ta' applikazzjoni u l-kompatibbiltà mas-sistemi nazzjonali. L-istess japplika għall-paragrafu 2 dwar possibbiltajiet addizzjonali ta' votazzjoni. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jippreferu sistema volontarja bħal fid-Deċiżjoni tal-2018.
10. Il-maġġoranza tal-Istati Membri opponew bil-qawwa l-kunċett ta' **Reġistru Elettorali Ewropew** (Artikolu 9), li huma qiesu bħala mhux ġustifikat, mhux raġonevoli, estensiv wisq, u għalhekk talbu li dawn ir-referenzi jitneħħew mit-test. Stati Membri oħra pproponew li titqassar l-iskadenza għall-istabbiliment tar-Reġistru Elettorali.
11. Diversi Stati Membri opponew l-impożizzjoni ta' kwoti stretti fuq il-**ġeneru** (l-Artikolu 10(1)) fuq il-partiti politiċi, li għandhom jinnominaw kandidati liberament. Ir-referenza għal "**mhux binarji**" kienet ukoll inaċċettabbli għal xi wħud.
12. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jew talbu aktar żmien għat-**tressiq tal-listi tal-kandidati** (l-Artikolu 11), jew opponew il-proposta ta' 12-il ġimgħa billi argumentaw li ma kinitx ġustifikata, mhux raġonevoli u tmur kontra s-sistemi nazzjonali.
13. L-armonizzazzjoni tar-regoli u l-prattiki nazzjonali dwar il-**kampanji elettorali** (l-Artikolu 17) mhijiex aċċettabbli għal diversi Stati Membri u tqajjem mistoqsijiet għal diversi

oħrajn. L-Istati Membri enfasizzaw, fost raġunijiet oħra, l-impatt negattiv fuq il-prattiki u t-tradizzjonijiet nazzjonali b'għeruw fondi, kif ukoll fuq l-ispejjeż tal-kampanji.

14. Maġġoranza kbira tal-Istati Membri oġġezzjonaw għal **jum l-elezzjoni uniku** (l-Artikolu 19(1)) minħabba kwistjonijiet marbuta mas-sussidjarjetà, diffikultajiet operazzjonali, riskji ta' parteċipazzjoni aktar baxxa tal-votanti u inkompatibbiltà mat-tradizzjonijiet kostituzzjonali. Tliet Stati Membri setgħu jikkunsidraw perjodu ta' votazzjoni mill-Ħamis sal-Ħadd li jkun jinkludi d-9 ta' Mejju, iżda oħrajn ippreferew jiċċaraw it-test oriġinali. Elementi oħra bħall-**attività politika qrib il-postijiet tal-votazzjoni** (il-paragrafu 2), **il-ħinijiet tal-votazzjoni** (il-paragrafu 3) u **l-ħruġ tar-riżultati** (il-paragrafu 4) kisbu aktar appoġġ, iżda madankollu ffaċċjaw oppożizzjoni soda, l-aktar minħabba li dan għandu jiġi rregolat fil-livell nazzjonali.
15. Diversi Stati Membri ma jistgħux jaċċettaw l-Artikolu 20(1) dwar il-**proklamazzjoni tar-riżultati tal-elezzjoni**, xi wħud minħabba referenzi kontroversjali (ara l-punti 6 u 7), xi wħud għax indikaw deċiżjoni preliminari pendent mill-Qorti tal-Ġustizzja, u oħrajn li enfasizzaw li dan għandu jiġi rregolat fil-livell nazzjonali.

C. Dispożizzjonijiet li jqajmu mistoqsijiet u li jeħtieġu aktar diskussjonijiet fil-fond

16. Xi Stati Membri huma kontra l-istabbiliment ta' **definizzjonijiet** (l-Artikolu 2), u jargumentaw li s-sistema tkun ikkumplikata u legalment mhux ċara, u jkun aħjar jekk l-Istati Membri japplikaw id-definizzjonijiet fil-livell nazzjonali, iżda l-maġġoranza hija lesta li tiddiskuti aktar. L-iktar definizzjonijiet problematiċi jidhru li huma daww ta' "assoċjazzjoni ta' votanti" (il-paragrafu 2), ta' "koalizzjoni Ewropea ta' partiti politiċi nazzjonali u/jew assoċjazzjonijiet nazzjonali ta' votanti" (il-paragrafu 3), ta' "partit politiku Ewropew" (il-paragrafu 4), ta' "assoċjazzjoni Ewropea ta' votanti" (il-paragrafu 5), ta' "koalizzjoni elettorali Ewropea" (il-paragrafu 6) u ta' "lista għall-Unjoni kollha" (il-paragrafu 9). L-ostakli ewlenin jidhru li huma l-inkompatibbiltà bejn daww id-definizzjonijiet u l-liġijiet nazzjonali eżistenti (ara l-punti 6 u 7).
17. L-**eżerċitar tad-dritt tal-vot** (l-Artikolu 6) ġabar interess, għalkemm b'mistoqsijiet dwar kwistjonijiet relatati mal-kamp ta' applikazzjoni, li għal xi Stati Membri jridu jeskludu l-votazzjoni minn pajjiżi terzi. Xi Stati Membri opponew ukoll il-paragrafu 2 dwar ċittadini li qed jiskontaw sentenza ta' ħabs, iżda maġġoranza kbira kienet favur.

18. L-Istati Membri jidhru ġeneralment lesti li jiddiskutu l-Artikolu 12 dwar **is-sistema elettorali** (abbażi tal-formulazzjoni tal-2018 u mingħajr listi tranżnazzjonali).
19. L-Istati Membri indikaw il-ħtieġa li jiġi diskuss fid-dettall l-Artikolu 13 dwar il-**limitu elettorali** biex jitneħħew xi referenzi kontroversjali (ara l-punti 6 u 7), u biex jiġu evitati l-esklużjoni ta' partiti eżistenti jew il-ksur tal-prinċipju ta' votazzjoni ugwali u kompetizzjoni ugwali bejn il-partiti. Il-kwistjonijiet ewlenin jidhru li huma dwar il-limitu ta' 3,5 % (b'mod partikolari bi proposta għal marġni ta' 2-5 %) u l-paragrafu 3 dwar il-minoranzi.
20. Jekk jitneħħew ir-referenzi għall-kostitwenza madwar l-UE kollha, l-Awtorità Elettorali Ewropea u r-Reġistru Elettorali Ewropew, għadd kbir ta' Stati Membri jistgħu jkomplu jiddiskutu l-Artikolu 18 dwar l-**awtoritajiet ta' kuntatt** abbażi tal-formulazzjoni tal-2018. Il-kwistjonijiet li għandhom jiġu indirizzati jkunu, fost l-oħrajn, l-iskedi ta' żmien, il-kamp ta' applikazzjoni tad-data, u l-ħtieġa li tiġi indirizzata s-sitwazzjoni f'xi Stati Membri fejn awtoritajiet differenti jittrattaw id-data mill-votanti u mill-kandidati.
21. L-Artikolu 23 dwar il-**verifika ta' kredenzjali** kiseb appoġġ kbir (ħlief għar-referenzi kontroversjali, ara l-punti 6 u 7). Dan ser jirrikjedi diskussjonijiet b'mod partikolari biex jiġi ċċarat ir-rwol tal-PE.
22. L-Artikolu 27(7) dwar **liv speċjali** ser jeħtieġ diskussjonijiet fil-fond biex tiġi indirizzata lista sostanzjali ta' mistoqsijiet.
23. Hemm daqstant Stati Membri favorevoli għall-Artikolu 29 u l-**proċedura ta' kumitat** tiegħu, daqs kemm hemm Stati Membri li għadhom jirriżervaw il-pożizzjoni tagħhom. Oħrajn kellhom bżonn kjarifiki jew issuġġerew proposti alternattivi. Għadd żgħir ta' Stati Membri huma opposti.
24. Id-dispożizzjonijiet finali fl-Artikolu 31 dwar il-**klawsola ta' rieżami** u l-Artikolu 32 dwar id-**dħul fis-seħħ** ser jeħtieġu wkoll aktar diskussjoni, skont l-eżitu tad-diskussjonijiet dwar is-sustanza.

D. Dispożizzjonijiet li għandhom l-aktar appoġġ

25. Id-dispożizzjonijiet li ġejjin irċevew l-aktar appoġġ wiesa' f'dan l-istadju:

- l-Artikolu 3 dwar id-**dispożizzjonijiet nazzjonali** (il-paragrafu 3 huwa l-aktar element diffiċli);
- l-Artikolu 4(2) dwar il-**votazzjoni doppja** u l-Artikolu 4(3) dwar il-**pieni**;
- l-Artikolu 5(2) dwar il-**kandidaturi doppji**;
- l-Artikolu 7 dwar l-**aċċessibbiltà**;
- l-Artikolu 13(1) dwar il-**limitu** minimu għall-allokazzjoni ta' siġġijiet li ma għandux jaqbeż il-5 % tal-voti validi mitfugħa;
- l-Artikolu 14 li jippermetti fost l-oħrajn li l-Istati Membri jistabbilixxu **kostitwenzi** uniċi għall-elezzjoni;
- l-Artikolu 16 dwar il-**finanzjament tal-kampanji elettorali tal-entitajiet elettorali Ewropej**;
- l-Artikolu 19(5) dwar id-dikjarazzjoni tad-**9 ta' Mejju bħala btala nazzjonali**;
- l-Artikolu 20(2) dwar il-**pubblikazzjoni tar-riżultati tal-elezzjoni** (bl-eċċezzjoni ta' referenzi kontroversjali, ara l-punti 6 u 7);
- l-Artikolu 21 dwar il-**leġiżlatura u l-mandat parlamentari** u l-Artikolu 22 dwar it-**tlaqqigħ tal-PE** (bl-eċċezzjoni ta' Stat Membru wieħed li jopponi peress li jirrikonoxxi b'mod impliċitu l-jum uniku ta' votazzjoni u ieħor li jissuġġerixxi li dan ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni);
- l-Artikolu 24 dwar l-**inkompatibilitajiet** kiseb appoġġ kbir bir-riżerva li xi Stati Membri jkollhom bżonn isolvu l-kwistjoni tal-inkompatibilitajiet mal-mandati reġjonali, uħud biex ineħħu r-referenzi kontroversjali (ara l-punti 6 u 7), u oħrajn iqisu li dan huwa barra mill-kamp ta' applikazzjoni;
- l-Artikolu 25 dwar l-**attivitajiet parlamentari esterni** (Stat Membru wieħed iqis li dan huwa barra mill-kamp ta' applikazzjoni);
- l-Artikolu 26 dwar il-**vot personali u indipendenti** huwa fil-biċċa l-kbira aċċettabbli għal maġġoranza kbira tal-Istati Membri, sakemm isir dibattitu dwar il-kamp ta' applikazzjoni u l-interazzjoni mal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet;
- Il-biċċa l-kbira tal-Artikolu 27(1) sa (6) dwar il-**karigi vakanti** tista' tiġi aċċettata minn maġġoranza kbira tal-Istati Membri, sakemm isir dibattitu dwar il-kamp ta' applikazzjoni u t-tneħħija ta' referenzi kontroversjali (ara l-punti 6 u 7).